# Attivitajiet-Jannar 2023

**Is-6 ta' Jannar-**20.00 Diskussjoni bejn il-membri

**It-13 ta' Jannar-**Kwizz fuq mużika u films, kantanti u atturi

**L-20 ta' Jannar-**Il-konsumatur

**Is-27 ta' Jannar-**Birthday Celebrations ġewwa 516 Bistro Valletta waterfront

Menu-Bruschetta jew soppa jew penne al ragu

Main-Grilled chicken jew ribs jew swordfish jew beef stroganoff

Deserta-Cake–**xorb mhux inkluż.**

**Booking-**Maureen Tarpey. In-numru fejn tibbukjaw natugħ aktar tard.

**Nota.**

**Peress li s-sala ta' Project House mhux se tkun disponibbli għal-ewwel 3 xhur tas-sena, il-post fejn se nliaqgħu natugħ aktar tard.**

**Nisperaw biss li nsibu post fejn niltaqgħu.**

MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 26
Ħarġa 01
Jannar 2023

**Ħbieb,** għalfejn xtaqna li s-sħubija sħiħa tinfetaħ għall-persuni romol kollha li għadhom ma laħqux l-età ta' 65 sena minflok 61 sena fil-ħin tal-applikazzjoni? Ir-risposta hi sempliċi ħafna. **Għax xtaqna li nkunu nistgħu ngħinu aktar nies. Xejn aktar u xejn anqas.** L-ewwel kitba għal din is-sena hija fuq din l-imbierka età.

Ma qbadtx u vvintajt xi ħaġa għax ma kellix x'nagħmel. Għandi ħafna x'nagħmel. Bħala kumitat ukoll tkellimna ħafna fuqha.

Tkellimt ma' ħafna nies għax jien nieħu pjaċir inkun naf ħaddieħor kif jaħsibha. Bdejt ninduna li kien hemm 4 għażliet. **A)** ħalli kollox kif inhu, taqla' xejn għax qatt ma tista' tikkuntenta lil kulħadd **b)** neħħi l-età kompletament **ċ)** aqsam il-grupp skond l-età u **d)** għamilha sakemm wieħed jagħlaq 65 sena.

Li naf li hemm xi ħaġa li fl-opinjoni tiegħi u ta' oħrajn setgħet tiġi rranġata u ma nagħmel xejn fuqha biex ma naqlax paroli jew kritika anke personali mhix fil-karattru tiegħi. Wara kollox, nagħmel x'nagħmel, naf li dejjem se nsib min ma jaqbilx miegħi. Ma nafx kemm hawn membri li xi darba jew oħra qraw l-istatut. Il-paċenzja mhix sinjal ta' debolezza. Hawn min ma jaqbilx għax ġenwinament ikun inkwetat fuq il-futur tal-grupp u hawn min ma jaqbilx għax jieħu gost ma jaqbilx. Jekk nirraġuna li l-aqwa li qiegħed sewwa jiena u daqshekk ma nkunx qiegħed nagħti sapport.

Li nneħħu l-età kompletament ma qbiltx magħha mill-ewwel. Jiena mhux qiegħed niġri wara n-numri. Għalija l-membri mhux numri. Barra minn hekk, ma nħossx li bħala grupp, aħna attrezzati biżżejjed sabiex inneħħu l-età kompletament. Mhux qiegħed ngħid li min għalaq 65 sena m'għandux bżonn għajnuna. Qiegħed ngħid biss li bħala grupp m'aħniex attrezzati biex nilqgħu lil kulħadd. Hawn eks-membri li kienu ddeċidew li ma jibqgħux membri. Kontra qalbi, imma min għalaq 65 sena, ma jistax jerġa' jidħol membru. Nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd. Wara kollox, safejn naf jien, ħadd ma qal lil ħadd biex ma jibqax membru.

*Ikompli f'paġna 2*

Li naqsam il-grupp skond l-età ħsibt fuqha wkoll. Din kienet se toħloq problemi anke ta' loġistika. Barra minn hekk, jien rrid grupp fejn l-etajiet u l-esperjenzi jkunu varji. Kien hemm min qalli 'għax iż-żgħar' Ir-romol iż-żgħar u sewwa jagħmlu, fil-maġġoranza assoluta tagħhom ifittxu affarijiet oħra. Nerġa nikteb. Sewwa jagħmlu. Id-dritt li jgħixu u mhux jeżistu huwa tagħhom u tagħhom biss. Ir-romol żgħar fl-etá merħba bihom dejjem. Barra minn hekk inserraħ moħħ kulħadd li se nibqgħu nagħtu s-sapport lill-membri, għandhom kemm għandhom età. Infakkar biss li aħna ma nagħtux kura. Aħna nagħtu s-sapport bl-attivitajiet li norganizzaw. Għamilt kuraġġ lil ħafna nies sabiex jattendu gruppi oħra għax ma kinux eliġibbli biex jingħaqdu magħna.

Kien fadal ukoll l-għażla sakemm wieħed jagħlaq 65 sena. Il-bniedem għamel avvanżi kbar, kemm fil-mentalità tiegħu, kemm fid-dehra tiegħu u kemm fil-bżonnijiet personali tiegħu. Jiena ma kontx lest li nibqa' mmexxi l-grupp meta nagħlaq il-61 sena. Ma ħassejtx li kienet se tkun sewwa li jiġi xi ħadd iżgħar minni u jien ngħidlu 'le' għax għandek aktar minn 61 sena meta jien inkun akbar minnu fl-età. Għażilt hekk bil-koperazzjoni ta' sħabi fil-kumitat. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil bosta membri li japprezzaw ix-xogħol li jsir. Personalment dak li nagħmel, nagħmlu minn qalbi mingħajr edba nteressi ta' xejn ħlief li nara lil membri ġejjin 'il quddiem. Naf li m'iniex perfett u naf li mhux kollox hu perfett.

Il-grupp tagħna għandu isem tajjeb. Dan irridu nibqgħu naħdmu għalih għax dak li ddum tibni s-snin jekk ma toqgħodx attent, jista' jiġġarraflek f'mument. Probabbli, il-grupp tagħna huwa l-uniku grupp għar-romol biss. Jekk ikun hemm bżonn, 'il quddiem nerġgħu nevalwaw l-istatut sabiex naġġornaw maż-żminijiet tal-lum. Dan isir fuq il-ħafna tajjeb li sar qabel. Il-grazzi tagħna mhix biżżejjed sabiex nirringrazzjaw lil ta' qabilna għax xogħol kbir li għamlu anke b'ħafna sagrifiċji personali.

Sadanittant inħeġġiġkom taqraw l-istatut sew u tressqu l-proposti tagħkom. Jekk ikun hemm bżonn nagħmlu laqgħa oħra. Dalwaqt issir l-elezzjoni għall-kumitat ġdid. Nispera li jkollna aktar membri li jitfgħu in-nomina tagħhom. Min jixtieq imexxi l-grupp floki merħba bih ukoll. Jiena ma nemminx li min imexxi grupp għandu jagħmel hekk għall-infinit. Huwa ta' sodisfazzjon kbir meta xi ħadd jgħidlek 'grazzi mnalla kien il-grupp għalija'. Nagħlaq din il-kitba qasira tiegħi kif bdejt. **Għax xtaqna li nkunu nistgħu ngħinu aktar nies. Xejn aktar u xejn anqas.**

***Victor***

## Leonardo da Vinci

Filwaqt li Leonardo da Vinci huwa magħruf l-aktar bħala pittur, ix-xogħol tiegħu bħala xjenzat u inventur jagħmlu raġel rinaxximentali veru. Huwa serva bħala mudell li japplika l-metodu xjentifiku għal kull aspett tal-ħajja, inklużi l-arti u l-mużika. Għalkemm huwa magħruf l-aktar għax-xogħol artistiku drammatiku u espressiv tiegħu, Leonardo mexxa wkoll għexieren ta' esperimenti maħsuba bir-reqqa u ħoloq invenzjonijiet futuristiċi. L-għajn entużjasta u l-moħħ mgħaġġel tiegħu wassluh biex jagħmel skoperti xjentifiċi importanti, iżda qatt ma ppubblika l-ideat tiegħu. Huwa kien veġetarjan li kien iħobb l-annimali u ddisprezza l-gwerra, iżda ħadem bħala inġinier militari biex jivvinta armi avvanzati.

Huwa kien wieħed mill-akbar artisti tar-Rinaxximent Taljan, iżda ħalla biss numru żgħir ta' pitturi kompluti. L-iben illeġittimu ta' nutar ta' 25 sena, Ser Piero, u tifla ta' bdiewa, Caterina, Leonardo twieled fil-15 ta' April, 1452, f'Vinci, l-Italja, ftit 'il barra minn Firenze.

Missieru ħa l-kustodja tiegħu ftit wara t-twelid tiegħu. Meta kiber fid-dar Vinci ta' missieru, Leonardo kellu aċċess għal testi akkademiċi proprjetà tal-familja u l-ħbieb. Huwa kien espost ukoll għat-tradizzjoni tal-pittura li ilha teżisti ta' Vinci, u meta kellu madwar 15-il sena missieru apprentistah għall-workshop rinomat ta' Andrea del Verrochio f'Firenze. Anke bħala apprendist, Leonardo wera t-talent kbir tiegħu. Fil-fatt, il-ġenju tiegħu jidher f'għadd ta' biċċiet maħduma mill-workshop tal-Verrocchio mill-perjodu 1470 sa 1475. Pereżempju, wieħed mill-ewwel xogħlijiet kbar ta' Leonardo kienet li jpinġi anġlu fil-"Magħmudija ta' Kristu" ta 'Verrochio. Xogħol Leonardo kien ħafna aħjar minn dak ta' sidu, tant li Verrochio allegatament iddeċieda li qatt ma jerġa' jpinġi. Leonardo baqa' fil-workshop ta' Verrocchio sal-1477.

Waqt li fittex li jaqla' l-għajxien waslu sfidi ġodda, daħal fis-servizz tad-Duka ta' Milan fl-1482, u abbanduna l-ewwel kummissjoni tiegħu f'Firenze, "L-Adorazzjoni tal-Maġi". Huwa qatta' 17-il sena f'Milan, u ħalla biss wara l-waqgħa tad-Duka Ludovico Sforza mill-poter fl-1499. Kien matul dawn is-snin li Leonardo laħaq livelli ġodda xjentifiċi u artistiċi. Fost l-akbar pitturi tiegħu nsibu l-Mona Lisa u l-aħħar ċena.